25 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Alexander Mallia

## Sigurtà Nazzjonali — Impjegat — Soċjetà — Att VI tal-1956

*Il-kuntratt ta' soċjetà jeħtieġ bħala kondizzjoni essenzjali għall-formazzjoni tiegħu l-intenzjoni tal-partijiet li jassoċjaw ruħhom, li jpoġġu xi ħaġa in komun, u li jipparteċipaw fil-qliegħ u fit-telf tal-impriża.*

*Il-fatt biss li l-prinċipal issellef xi flus minn għand impjegat tiegħu in konnessjoni ma' xi appalt li l-prinċipal kien assuma ma jfisser xejn, meta hu skompanjat minn kwalunkwe prova li turi l-intenzjoni tal-partijiet li jassoċjaw ruħhom, jew li b'dak is-self dak impjegat ikun "a sleeping partner".*

*Għaldaqstant, l-imputat kien fl-obligu li jħallas il-kontribuzzjonijiet dwar dak l-impjegat taħt l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali; u mhix aċċettabbli d-difiża fis-sens li dak l-impjegat kien, mhux impjegat, iżda assoċjat tal-imputat.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Alexander Mallia talli f'Ħal Qormi, fil u qabel il-15 ta' Ġunju 1956, naqas li jħallas il-kontribuzzjonijiet li jaqgħu skond l-Att numru VI tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali talli ħaddem miegħu lil Ignatius Fenech f'impieg assikurabbli;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1957, li biha sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni għall-perijodu tal-aħħar ġimgħa ta' Mejju u l-ewwel ġimgħatejn ta' Ġunju, 1956, u kkundannatu għal £2 ammenda għal kull kontravvenzjoni, ċjoè £6 ammenda għal kollox, u ordnatlu

li jħallas 7s. lid-Direttur tax-Xogħol, korrispondenti għall-kontribuzzjonijiet mhux imħallsa għall-istess perijodu;

Rat ir-rikors tal-imputat, li biħ appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-mezz defensjonali hu fis-sens li Ignatius Fenech kien mhux impjegat, iżda assoċjat tal-imputat;

L-imputat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova l-pretiż aggravju. Kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża, f'sentenza ċitata fil-Prinċip. Dto. Civ. — Laurent, Vol. XXVI, p. 113:— "Il contratto di società esige come condizione essenziale della sua formazione l'intenzione delle parti di associarsi, una cosa messa in comune, e la partecipazione ai guadagni ed alle perdite della impressa";

Il-fatt biss li Fenech silef xi flus lill-imputat in konnessjoni ma' xi appalt li dan kien assuma, ma jfisser xejn, meta hu għal kollox skompanjat minn kwalunkwe "adminiculum probationis" aċċennanti għall-intenzjoni tal-partijiet li jassoċjaw ruħhom, jew li b'dak is-self Fenech ikun "a sleeping partner". Xejn ma hemm minn dan kollu;

L-appell, għalhekk, hu bla bażi ta' xejn;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.